# <u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

## Decizjoni Numru 2230

**Kaz Numru: 3007/JH**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Veneranda Mangani**

**u**

**Vella Falzon Building Supplies Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta**

**<u>Chairperson: Is-Sinjura Joan Haber</u>**

**Illum it-Tlieta 11 ta' Gunju, 2013**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar l-10 t'April, 2012.

It-Tribunal Industrijali zamm ghaxar seduti.

**2. Rapprezentanza**

2.1. Veneranda Mangani, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet mghejuna mill-Avukati Hugh Peralta u Larry J. Gauci.

2.2. Il-Kumpanija Vella Falzon Building Supplies Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija ntimata, kienet irrapprezentata mid-Diretturi Alexis Vella Falzon u Karina Spiteri mghejuna mill-Avukat Paul Gonzi.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrenti bdiet fl-impieg taghha fil-kariga ta' *Administrative Secretary* mall-kumpanija ntimata nhar is-17 ta' Novembru, 2003, fuq kuntratt indefinit. Ir-rwol tar-rikorrenti kien li tassisti lid-diretturi fl-organizzazzjoni u fil-htigijiet amministrattivi ta' l-ufficcju. Kienet ukoll tammministra telefonati u messaggi ghad-diretturi u mpjegati.

Fil-15 ta' Marzu, 2012, dahlet telefonata ghas-Sur Alexis Vella Falzon minghand klient importanti ghall-kumpanijia, izda r-rikorrenti ma gharrfitux bit-telefonata mmedjatament, u l-klijent reggha cempel u qabad lis-Sur Vella Falzon qabel ma hi lahqet gharrfitu bit-telefonata precedenti.

Meta gara hekk is-Sur Vella Falzon irrabja hafna u kecca lir-rikorrenti mill-impjieg taghha. Aktar tard intbghatitilha ittra biex jikkonfermalha d-decizjoni tat-temma tal-impjieg.

## 4. Lista tax-xhieda

**4.1.** Karina Spiteri, Alexis Vella Falzon, Patrizia Borg, Charmaine Borg u Roderick Mifsud xehdu ghall-kumpanija ntimata.

**4.2.** Carmel Mangani u Edwin Buttigieg xehdu ghar-rikorrenti.

**4.3.** Veneranda (aka Wanda) Mangani kienet xhieda komuni.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1. Ir-rikorrenti esebiet:

5.1.1. Dikjarazzjoni tal-kaz datata 3 ta' Mejju, 2012, konsistenti fi tliet pagni u maghha elenkat Dok A li huwa affidavit konsistenti f'erbgha pagni.

5.1.2. Addendum ta' nota mall-affidavit li tinkludi l-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg datata 15 ta' Marzu, 2012, u *e-mail* ta' Karina Spiteri datata 15 ta' Lulju, 2012, li bi svista ma gewx annessi mall-imsemmi affidavit.

5.1.3. Kopja ta' zewg *payslips* datati 22 ta' Dicembru, 2011 u 27 ta' Jannar, 2012, immarkati Dok XZ.

5.1.4. *File* bin-noti li kienet tuza' waqt ix-xoghol taghha, immarkat VM 1 u *notebook* bin-noti mmarkat VM 2.

5.2. Il-kumpanija ntimata esebiet:

5.2.1. Dikjarazzjoni tal-kaz datata 27 t'April, 2012, konsistenti fi tliet pagni.

5.2.2. *E-mail* ta' Patrizia Borg lid-diretturi mmarkati Dok AVF

5.2.3. Serje ta' *e-mails* minghand Karina Spiteri lil Veneranda Mangani mmarkati, Dok. KS1, Dok. KS2 u Dok. KS3

5.2.4. Dokument konsistenti f'numru ta' emails, *price lists* u dokumenti ohra dwar ix-xiri ta' *stationery* li kien isir minn Veneranda Mangani.

## 6. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet (35 pagna)

6.1. Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Paul Gonzi ghall-kumpanija ntimata stqarr li:

6.1.1. Veneranda Mangani kienet irceviet twiddiba miktuba permezz ta' e-mail ta' Karina fejn qaltilha li *'if you are not improving this can lead to the termination of your employment'*. Dan apparti korrezzjonijiet precedenti ohra. Huwa sahaq li huwa l-kontenut li jghodd mhux il-forma.

6.1.2. Ix-xoghol li r-rikorrenti kienet mitluba taghmel kien kollu xoghol li normalment hu mistenni minn segretarja.

6.1.3. Ghamel emfasi fuq il-hafna zbalji kemm zghar kif ukoll kbar tar-rikorrenti u l-bzonn li ripetutament kien mehtieg li xi hadd jerggha jispjegalha kif ghandha tahdem.

6.1.4. Huwa insista li d-decizjoni ma ttiehditx bil-ghagla, izda kienet ilha gejja. F'dan ir-rigward ikkwota decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kaz Cavendish Hotels Limited vs Jesmond Beck fejn qal li biex tkecci persuna mhux bilfors ikollok kawza wahda gusta imma jista jkollok diversi okkazzjonijiet li flimkien jammontaw ghal kawza gusta.

6.1.5. Ghamel riferenza ghall-kaz li sehh nhar il-15 ta' Marzu meta Veneranda naqset li tinforma lid-direttur b'telefonata mportanti, li kien il-punt fejn ittiehdet id-decizjoni li jitterminawla l-impjieg. Iktar milli dak in-nuqqas dak li dejjaq lil Alexis Vella Falzon kienet l-attiudni tar-rikorrenti li ma tatx l-importanza misthoqqa ghan-nuqqas taghha li kienet tirrigwarda bicca xoghol ta' mitejn elf ewro.

6.1.6. Semma li meta r-rikorrenti kienet tircievi telefonata u ma tkunx tista' tghaddiha dak il-hin, ir-rikorrenti kellha struzzjonijiet tibghat e-mail, haga li naqset taghmel, u ghamel riferenza ghax-xhieda ta' Roderick Mifsud li qal ukoll li kien irrepetielha hafna drabi li meta jkun fuq telefonata ohra ma tippruvax tghaddilu telefonati ohra.

6.1.7. Nhar l-incident imsemmi meta Alexis Vella Falzon kien qieghed jirrabja u kellu ghal xhiex jirrabja ma' Veneranda, hi sabtet it-telefon u qalet ' u iva' u dan xehduh ukoll il-kollegi taghha. B'hekk naqset milli tiehu l-opportunita li tispjega lilha innifisha.

6.1.8. Wara elenka x-xoghol li Veneranda ma kinitx taf taghmel jew li kienet taghmel hazin. Issemma l-filing ta' Patrizia Borg li din tal-ahhar kellha tiehdu lura, u l-organizzjoni tal-arkivju li kellha tmur tghinha Patrizia biex taghmlu. Ma kienitx taf tuza l-features tat-telephone eg: conference calls, programmable directory, call divert kif ukoll il-business hub machine u scanner. Ghalkemm kellha manual immarkat bil-highlighter hi ma kienitx tuzah.

6.1.9. Dwar l-accounting package li kienet tuza ghad-debt collecting, qal li ma kienx hemm bzonn training biex taghfas print kif xehed ukoll l-eks kollega Edwin Buttigieg. Kollega ohra Patrizia Borg qalet li Veneranda '*misplaced various documents'* fil-filing taghha u qalet li fl-arkivju il-files ma kienux organizzati bis-sens, sena wara l-ohra kif suppost.

6.1.10. Semma t-telephone book li kien mitlub li jsir mid-direttur Karina Spiteri u li Veneranda qatt ma ghamlet, u l-fatt li Karina qalet li gieli kienet trid tfakkaraha hi flok Veneranda tkakkar lilha. L-avukat qal li Karina kemm il-darba gibditilha l-attenzjoni ghal nuqqasijiet li qaltilha biex tirranga u qaltilha 'se jkollna xi nghidu, kemm se ndum nghidlek l-istess haga' u qalet ukoll ' missni kont aktar aggressiva'.

6.1.11. Zied jghid li Karina ma kienitx hemm dakinhar tal-incident u l-ghada filghodu, ghalhekk wiehed irid joqghod attent meta jikkwota bhala fatt dak li semghet. Huwa cahad li Alexis Vella Falzon qal lil Veneranda 'isma xi dhalt taghmel ghax-xoghol?'. Li gara kien li meta l-ghada Veneranda giet lura ghax-xoghol hija tkellmet u spejgat ruhha mieghu u cemplet lir-ragel li meta gie tkellem ukoll ma' Alexis li kien lest jisimghu u li spegalu ghalfejn kienet se titiehed id-decizjoni tat-temma tal-impieg.

6.1.12. Huwa irribatta l-fatt li l-parti l-ohra pprovat targumenta li ma Alexis Vella Falzon wiehed ma jistax jahdem, li huwa bniedem antipatiku u difficli, billi qal li l-financial controller stess qal li huwa kien irrizenja u mhux tkecca kif gie allegat u fakkar fix-xhieda ta' Roderick Mifsud li xehed li Alexis Vella Falzon huwa bniedem fair u ghalkemm jekk taghmel xi haga hazina jghidlek, jekk taghmel tajjeb ikun lest ifahhrek ukoll.

6.1.13. Ghalkemm Alexis bghata d-dar dak il-hin, il-lejl ta' wara huwa kien iltaqa' u ddiskuta t-tkeccija ma' Karina u hadu d-decizjoni finali flimkien u dan tikkonfermah anki Karina.

6.1.14. Ir-rikorrenti mhux interessata li tahdem ghax la qieghda tfittex impjieg u lanqas tirregistra.

6.1.15. Fakkar li anki l-forced leave waqt refurbishment, kien gustifikat minhabba t-trab kif xehdet Veneranda stess u r-ragel taghha. Li rigward

il-cordless telephone, Veneranda kellha l-facilita li taghmel diversion tal-calls fuq il-kollegi taghha meta kienet tillarga mill-iskrivanija taghha.

6.2. Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Larry J. Gauci f'isem ir-rikorrenti stqarr li:

6.2.1. It-tkeccija ta' Veneranda Mangani ma saritx skond il-ligi ghax m'hemmx kawza gusta u sufficjenti li timmerita tkeccija wara tmien snin u nofs ta' servizz.

6.2.2. Huwa semma il-lista twila ta' xoghol li kellha taghmel Veneranda u li baqghet tizdid sa Lulju tal-2011, tmien xhur biss qabel giet it-tkeccija. U qal li minhabba dan ix-xoghol Veneranda kien jehtiegilha ticcaqlaq minn postha, u li ma kellhiex cordless phone ghalkemm din talbitu lid-diretturi.

6.2.3. Semma bhala punt determinanti ghat-tkeccija, r-refurbishment li sar fil-bini tal-kumpanija u fejn Veneranda inghatat forced leave minghajr kundizzjonijiet u l-ebda indikazzjoni ta' meta se tigi lura. Hadet il-leave kollu u anki unpaid leave minghajr tgergir. Giet lura ghax hadet interess u cemplet hi stess. Ftit wara li giet lura inbidel il-post fejn tahdem u anki l-kollegi taghha inbidlu ukoll, u dan fi zmien meta kif xehdet Karina stess ghal ragunijiet personali kienet ghaddejja minn perjodu hazin.

6.2.4. Huwa staqsa min ghamel il-verbal warnings li allegatament saru lil Veneranda, ghax Alexis Vella Falzon qal li kien kellimha darbtejn fuq oggett ta' dak il-hin, u ghalkemm 70% tal-kuntatt kien ma' Karina, kien hu li qallha biex taqbad u titlaq. Meta tkecciet Veneranda ma nghatatx l-opportunita li tkellem lil Karina,  Alexis Vella Falzon tkellem maghha fil-qosor u aktar tard mar-ragel taghha wara li kienet ga ttiehdet decizjoni. Gew ikkwotati sentenzi fil-kawzi Dennis Waites vs Attrans Ltd tat-12 ta' Gunju, 2011, Robert Cini vs Cube Relocation Ltd, tat- 30 ta' Jannar, 2013, u Martin Fenech vs Vassallo Builders Group Ltd. tal-14 ta' Marzu, 2012, li kollha jishqu fuq id-dritt tal-persuna li tiddefendi ruhha. Aktar tard fit-trattazzjoni l-avukat tenna kif korrezzjonijiet u istruzzjoniet biex itejjbu l-imgieba jew il-performance taghhom il-haddiema ma jammontawx ghal verbal warnings.

6.2.5. M'huwiex ikkontestat il-fatt li r-rikorrenti insiet tghaddi lid-direttur telefonata minghand klijent importanti, liema telefonata kienet il-kawza ahharija tat-tkeccija ta' Veneranda.  Qal li l-call divert minn fuq il-mobile ta' Alexis Vella Falzon ghat-telephone ta' Veneranda kienet sistema gdida u kien ghalhekk li meta kellmu is-sur Fenech ta' Tumas Group qallu 'mela ma tridx tkellimni' dan kien qed jghid hekk ghax cempillu fuq il-mobile u rrispondietu mara. Qal li Alexis kien ghadu kif dahal u lahaq reggha cempillu s-sur Fenech, ghalkemm Veneranda ma lahqitx qaltlu, hi

kella nota fuq in-notebook taghha biex tghidlu. Alexis Vella Falzon ha decizjoni mghaggla u ma ccekkjax kif graw ezatt l-affarijiet.

6.2.6. Dwar ix-xhieda tal-kollegi ta' Veneranda waqt l-argument li rrizulta wara t-telefonata, semma nuqqas ta' qbil fix-xhieda ta' Patrizia Borg li qalet li l-bieb ta' Alexis Vella Falzon kien maghluq u dik ta' Roderick Mifsud li qal li sema' xi kliem ghax il-bieb ta' Alexis Vella Falzon kien miftuh. Roderick Mifsud qal li Veneranda sabtet it-telefon imma meta l-avukat staqsieh jekk rahiex taghmel dan, huwa ma wegibx.

6.2.7. Fuq il-kwistjoni ta' kompetenza ta' Veneranda, l-avukat qal li ghalkemm il-manuals tat-telephone u tal-photocopier ftit kienu ntuzaw, Veneranda ghamlet in-noti ghaliha fil-bidu tal-impjieg u baqghet tuza lilhom. Dwar il-filing ta' Patrizia Borg, din haditu lura ghax qaltilha li mhux possibli li jsir minm xi hadd li ma jkunx jaf x'inhu ghaddej, dwar l-archives intqal li dawn kien inbidel il-post taghhom u kien ghalhekk li kellha bzonn l-ghajnuna biex tirranga s-sistema gdida u madankollu kollox kien dokumentat. Dwar id-debt collecting spejga li Veneranda ma hadet l-ebda tahrig bhal ma ghamlu il-kollegi Noelene, Patrizia u anki d-direttur Karina.

**6.2.8.** Fuq l-attitudni ta' Veneranda huwa semma kemm jikkuntrastaw ix-xhieda ta' Alexis Vella Falzon ma dawk ta' Karina. Filwaqt li wiehed semma 'non chalance', 'brushes you off', 'I don't care less' u li rreaggixxa ghal mod kif irreagixxiet hi mhux ghax is-sur Fenech cempel tlett darbiet, Karina qalet kliem bhal 'mhux qed nghid li xogholha ma kienitx taghmlu sew', mistoqsija jekk kinitx dedikata fuq xogholha 'yes there is no denying that'. Semma x-xhieda tal-kollega Charmaine Borg li qalet li l-attitudni taghha kienet generalment normali, u ta' Edwin Buttigieg li qal li kienet tiehu hsieb hafna l-affarijiet taghha u kienet riservata fuq xogholha. Hawnhekk l-avukat ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-kaz Joseph Gauci Maistre vs Pace and Mercieca Ltd ta' Frar, 1995, fejn it-Tribunal fittex li jkun sodisfatt li l-mottiv ta' nkompetenza kien tassew esklussivament ir-raguni tat-temm tal-impjieg.

6.2.9. Filwaqt li qal li probabilment kien hemm xi limitazzjoniet min-naha tar-rikorrenti, u li Karina kienet bghatitilha e-mail ta' twissija, huwa tenna li dan jammontax ghal written warning peress li s-soltu kien isir b'mod aktar formali u ffirmata miz-zewg partijiet, fuq letterhead tal-kumpanija minn Veneranda stess. Huwa kkwota d-decizjoni Godfrey Zammit vs Chef Choice Ltd fejn it-Tribunal Industrijali sahaq li it-twissija trid tkun konformi ma certu kriterji fosthom dak li l-impjegat jigi infurmat li dak huwa warning. Ikkwota kaz Charles Cutajar vs S. Mifsud and Sons Ltd u qal li bhal f'dan il-kaz in-nuqqasjiet tar-rikorrent zgur ma kienux minhabba

ntenzjoni hazina jew negligenza imma minhabba nuqqas ta' koncentrazzjoni ghax kien jintuza biex isodd hafna toqob.

6.2.10. Issemmiet il-kwistjoni ta' l-istationery li kienet tiehu hsieb Veneranda fil-konfront ta' Patrizia Borg li kellha l-boyfriend ibiegh l-istationery u li setghet kellha xi konflitt ta' nteress rigward ix-xiri li kienet taghmel Veneranda. Dwar dan sar konfront bejn iz-zewg partijiet.

6.2.11. Filwaqt li semma li qatt ma kien hemm tgergir min-naha ta' klijenti ghal xi agir ta' Veneranda, huwa spicca billi appella lit-Tribunal biex isib il-kawza vera tat-tkeccija, u gibed l-attenzjoni ta' l-istess ghal fatt li din ma nghatatx l-opportunita tipprezenta l-kaz taghha.

6.2.12. L-avukat iddeplora l-mod xejn professjonali li bih tkecciet ir-rikorrenti wara tmien snin ta' servizz fl-eta ta' 58 sena u l-fatt li din tkecciet fuq proceduri dixxiplinarji kif qeghda n-notifika tal-ETC.

6.2.13. Aktar tard ghamel xi punti ohra fejn semma li Veneranda kellha iktar xoghol minn segretarja normali ez. tahdem l-overtime mill-punchcards, filing tal-invoices tal-hardware u tas-salesgirls, u duties ta' receptionist. Li persuna tista' tkun f'post wiehed biss fl-istess hin kemm fizikament kif ukoll mentalment u li difficli tikkoncentra fuq xogholha bit-telephone il-hin kollu sejjer. Huwa qal li l-kollegi kienu xehdu x'semghu, ma kienux partecipi fil-kwistjoni bejn Veneranda u Alexis – semma ukoll li Patrizia u Roderick kienu hadu zieda biex jaqsmu id-doveri ta' Veneranda bejniethom. Fakkar li Alexis 'bullied' Veneranda u tkellem hazin fil-konfront taghha.

## 7. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

7.1. M'hemmx dubju li r-rikorrenti kienet diversi drabi kkoreguta dwar nuqqasijiet u inefficjenzi fil-qadi ta' dmirijietha u dan huwa rifless f'parti mid-decizjoni tat-Tribunal, izda jirrizulta li f'ebda kaz ma kien hemm formalita fil-korrezzjonijiet li saru.

7.2. Id-doveri tar-rikorrenti kienu jinkludu l-attivita li tfassal u tikteb it-twiddib formali li kien jinghata lill-impjegati ohra li jonqsu minn dmirijiethom. Il-fatt li dan qatt ma sar fil-konfront taghha wassalha biex tikkonkludi li l-korrezzjonijiet li kienu jsirulha ma kinux jammontaw ghal twiddib skalat li jwassal ghat-temma tal-impjieg.

7.3. Il-mod kif Alexis Vella Falzon irrejagixxa fil-konfront tal-incident in kwistjoni la jammonta ghal mod accettabbli ta' kif impjegat ghandu jkun ikkoregut jew

imwiddeb, u eventwalment imkecci, u lanqas kien wiehed li joffri lir-rikorrenti opportunita ta' difiza.

7.4. Ghalkemm hu minnhu li wara l-incident, Alexis Vella Falzon iddiskuta il-kwistjoni ma' Karina Spiteri, xorta wahda l-opportunita ta' difiza qabel it-tkeccija finali baqghet ma nghatatx.

7.5. Tutto sommato matul iz-zmien tar-rikorrenti fl-impjieg, il-kumpanija ntimata, naqset li taghmel distinzjoni bejn okkazjonijiet fejn ikun jehtieg korrezzjoni u ohrajn fejn minbarra l-korrezzjoni kien jehtieg ukoll il-process formali ta' twiddib skalat mahsub biex iwissi lir-rikorrenti li setghet titlef l-impjieg.

## 8. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali*,* wara li sema' x-xhieda tal-partijiet*,* qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha*,* u ghamel riferenza ghall-provvedimenti ta' l-Artiklu 81 (2) (*a*) tal-Kapitlu 452 tal- Ligijiet ta' Malta, jaqta' u jiddeciedi li:

8.1. In-nuqqas ripetut tal-kumpanija ntimata li taghti twissijiet bil-miktub skond l-istess prassi tal-kumpanija u wkoll kunsiderazzjoni xierqa ghal dak li r-rikorrenti kellha xi tghid in difeza rigwardanti l-akkuzi msemmija jikser id-dritt ta' smigh xieraq. Konsegwentement it-temma tal-impjieg tar-rikorrent ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi.

8.2. Il-kumpanija ntimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' Elfejn u Hames Mitt Ewro (€2,500) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir sa nhar l-15 ta' Lulju, 2013.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet, it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il Centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din ik-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**
**Joan Haber**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**